**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**George Muscat**

Numru: 33/2014

Illum 13 ta' Jannar 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **George Muscat**, ta' erbgha u tletin (34) sena, iben Laurence u Josephine neé Sciberras, imwieled Pietà, Malta, nhar it-13 ta' Lulju 1979, residenti fil-fond numru 1, 'Arkova', Triq il-Barriera, Balzan, Malta, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 330579(M), akkuzat talli nhar it-18 ta' April 2013, u fil-jiem u fix-xhur ta' qabel gewwa l-Gharb, Ghawdex u gewwa appartament Blk F, Entrance A, Flat 2, Tac-Cawla Estate, fir-Rabat, Ghawdex u f'postijiet ohra gewwa dawn il-Gzejjer f'hinijiet differenti:

1. ikkaccja jew ipprova jikkaccja, ha jew ipprova jiehu b'xi mezz, xi ghasfur meta ma kienx jissodisfa l-kondizzjonijiet kollha specifikati fil-licenzja u f'kull ligi ohra u cioé peress li:

a) qabez il-kwota ta' ghasafar li seta' jaqbad kuljum skont il-licenzja ghall-kacca fir-rebbiegha 2013 ta' zewg (2) ghasafar f'gurnata wahda, u qabez il-kwota li seta' jaqbad b'kollox matul l-istagun miftuh tal-kacca fir-rebbiegha tal-2013 ta' erba' (4) ghasafar bi ksur ta' kundizzjoni numru 3 tal-licenzja ghall-kacca fir-rebbiegha 2013;

b) naqas milli jibghat SMS vojt fuq in-numru 99180020 hekk kif qatel b'xi tir il-gamiem bi ksur ta' kundizzjoni numru 7 tal-licenzja ghall-kacca fir-rebbiegha 2013;

c) naqas milli jiddikjara kull gamiema u summiena li qatel b'tir fuq il-ktejjeb maghruf bhala *Carnet de Chasse* ghall-Kacca tal-Ghasafar Frar 2013-Jannar 2014, qabel ma halla z-zona tal-kacca bi ksur ta' kundizzjoni numru 9 tal-licenza ghall-kacca fir-rebbiegha 2013 dan bi ksur ta' Regolament 12(1) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi zamm xi ghasafar, kemm hajjin kemm mejtin, jew parti minn xi ghasafar, li l-kacca jew it-tehid taghhom huma projbiti taht ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, (uhud inkluzi fi Skeda I) kontra d-dispozizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti meta dawk l-ghasafar ma kienux gew iddikjarati u registrati mal-Awtorita' Kompetenti sal-31 ta' Mejju 2003 u minghajr ma nghata l-permessi, jew certifikati mill-Awtorita' Kompetenti sabiex izomm dawk l-ghasafar u dan bi ksur ta' Regolament 4(1)(e) ta' l-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi zamm ghasafar, kemm hajjin kemm mejtin, jew parti minn xi ghasafar mhux imsemmijin fl-Iskeda II jew l-Iskeda III ta' r-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (uhud inkluzi fi Skeda I) meta dawk l-ghasafar ma kienux ittiehdu fi Stat Membru iehor fejn ikunu jistghu jittiehdu jew jinqabdu legalment taht id-dispozizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi kif ukoll taht il-ligijiet ta' dak l-Istat Membru l-iehor u dawn l-ghasafar ma kienux migjuba f'Malta wara l-1 ta' Mejju 2004 u

dan bi ksur ta' Regolament 4(1)(f) ta' l-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

4. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kellu fil-pussess tieghu xi ghasfur jew ghasafar ibbalzmati li l-ispeci taghhom mhux inkluza fl-Iskeda III, u cioé Seqer ta' Denbhu Falco columbarius (inkluz fi Skeda I) u Kokka tax-Xaghri Asio flammeus (Inkluza fi Skeda I) meta ma kienux gew registrati mas-Sezzjoni fiz-zmien stipulat u dan bi ksur ta' Regolament 21(5) ta' l-Avviz Legali 79 ta' l-2006 hekk kif emendat;

5. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi naqas milli jzomm fil-pussess tieghu u ghall-perjodu kollu li kien fil-pussess ta' kampjuni, il-permessi, certifikati u dokumenti ohrajn kollha li jippruvaw ghas-sodisfazzjon tal-Awtorita' Kompetenti li dawk il-kampjuni ma kienux miksuba kontra d-disposizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u dan bi ksur ta' Regolament 4(1)(f) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Il-Qorti giet mitluba illi, barra li timponi l-multa applikabbli taht ir-Regolament 27(2) ta' l-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabbli taht l-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet ix-xhieda kollha mressqa mill-Prosekuzzjoni.

Rat illi l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri u anqas ressaq ebda provi.

Semghet, fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2015 (*a fol.* 98), lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-difiza (*a fol.* 99 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' April 2014 gie pprezentat **affidavit ta' PC 719 David Said**, liema affidavit gie mmarkat bhala Dok. "A" (*a fol.* 6 *et seq*.). F'dan l-affidavit, Said jghid li dakinhar tat-18 ta' April 2013 kien xoghol flimkien ma' PC 787, PC 1513 u PC 1549. Jghid li ghamlu xi *roadblocks* rigward kacca illegali li rrizulaw fin-negattiv. Jispjega li dakinhar wara nofsinhar marru b'Mandat ta' Arrest fir-residenza tal-imputat fejn wara li l-imputat gie mitlub il-ktejjeb tal-MEPA u l-licenzja tal-kacca gie nnutat li l-imputat ma kienx immarka d-dettalji ta' dik il-gurnata fl-imsemmi ktejjeb. Jghid li l-imputat qalilhom li dakinhar tat-18 ta' April 2013 huwa kien ghall-kacca u ma kien ghamel xejn hazin. Jghid li bdew jaghmlu tfittxija fir-residenza ta' Muscat u meta l-imputat gie mistoqsi jghid jekk kellux xi affarijiet illegali, hu kkoopera maghhom u fetah *chest freezer* u minnha hareg tlitt boroz tal-plastik bil-gamiem, alwett, falkuni, u qird in-nahal. Jghid li dawn il-boroz gew miftuha fil-prezenza tal-imputat u ma gewx mbattla. Jghid li gew elevati zewg snieter (wiehed mill-kcina u iehor mill-kamra tas-sodda), zewg cintorini mimlijien skratacc (wiehed mill-kcina u iehor mill-*box room*), tlitt ghasafar bbalzmati li kienu fil-kamra tas-sodda, u kaxxa tal-kartun li kien fiha materjal li jintuza biex isiru l-iskratacc. Jghid li l-imputat kkoopera f'kull stadju tat-tfittxija.

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2014 (*a fol.* 75 *et seq*.), ikkonferma li l-imputat ma kien immarka xejn fuq il-ktejjeb tal-*carnet de chasse* f'dik il-gurnata partikolari. Jghid li fl-ebda hin ma raw lill-imputat jikkaccja. Mistoqsi jikkonferma li t-tajr li nstab fil-*freezer* kienx fil-fatt jidher iebes sew u li ma kienx jidher li ghadu frisk, wiegeb li ma jiftakarx.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' April 2014 gie pprezentat ukoll **affidavit ta' PC 787 Neville Bajada**, liema affidavit gie mmarkat bhala Dok. "B" (*a fol.* 8). Huwa ta' dettalji fuq l-istess linji li jinsabu fl-affidavit ta' PC 719 David Said. Huwa jghid li l-ispezzjoni li saret fuq il-vettura Mitsubishi Pajero tal-imputat rrizultat fin-negattiv.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' April 2014 gie pprezentat ukoll **affidavit ta' PC 1513 Mario Grech**, liema affidavit gie mmarkat bhala Dok. "C" (*a fol.* 9 *et seq.*). Huwa ta' dettalji fuq l-istess linji li jinsabu fl-affidavit ta' PC 719 David Said. Jghid ukoll li l-imputat qalilhom li dakinhar tat-18 ta' April 2013 huwa kien ghall-kacca ghal gamiem u summien u qalilhom li ma kien ghamel xejn li biha kiser il-ligi.

In kontro-ezami, li sar fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2014 (*a fol.* 91 *et seq.*), ikkonferma li dakinhar tal-akkadut l-imputat ma kienx nizzel li qabad xi tjur fil-ktieb tieghu. Jghid li hu ma qabadx il-kontenut tal-boroz li nhareg mill-*freezer* u li kien jidher li l-alwett kien frizat sew.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' April 2014 gie pprezentat ukoll **affidavit ta' PC 1549 Joseph Bajada**, liema affidavit gie mmarkat bhala Dok. "D" (*a fol.* 12 *et seq.*). Huwa ta' dettalji fuq l-istess linji li jinsabu fl-affidavits ta' PC 719 David Said, PC 787 Neville Bajada, u PC 1513 Mario Grech.

In kontro-ezami, li sar fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2014 (*a fol.* 78 *et seq.*), jghid li l-imputat qalilhom li dakinhar kien ghall-kacca. Jghid li meta gie ccekkjat il-ktieb tal-MEPA, instab li fid-data ta' dakinhar ma kien hemm xejn. Mitlub jikkonferma jekk l-ghasafar li nstabu fil-*freezer* kienux iebsin, wiegeb li hu ma messhomx. Jghid li fl-ebda hin ma ra lill-imputat fl-inhawi ta' San Dimitri.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' April 2014 gie pprezentat ukoll **affidavit ta' WPC 193 Diane Cilia**, liema affidavit gie mmarkat bhala Dok. "H" (*a fol.* 17 *et seq.*). Dan l-affidavit gie mhejji wara li saret ricerka dwar x'licenzji tal-kacca u x'armi kellu rregistrati fuq ismu l-imputat.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' April 2014, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Frank Anthony Tabone** (*a fol.* 20 *et seq.*) fejn beda billi qal li dakinhar tat-18 ta' April 2013 kien ircieva informazzjoni kunfidenzjali li l-imputat kien qieghed ghall-kacca fl-inhawi tal-Ghadira ta' San Rafflu. Spjega li in segwitu ta' Mandat ta' Arrest u Tfittxija mahrug mill-Magistrat Dr. Paul Coppini saret tfittxija fir-residenza fejn kien qed joqghod l-imputat f'Ghawdex. Huwa spjega li gie elevat xi tajr u kif ukoll senter *shotgun*, li gie ezebit bhala Dok. "FT 2" (*a fol.* 23). Ezebixxa wkoll rcevuta (Dok. "FT 3" –

*a fol.* 24), *carnet de chasse* u licenzja (Dok. "FT 4" – *a fol.* 25). Jghid li mill-*carnet de chasse* irrizulta li l-imputat kien iddikjara li kien qabad erba' gamimiet. Ezebixxa wkoll rcevuta tat-tajr li gie mghoddi lil tal-MEPA sabiex jaghmlu l-ispezzjoni taghhom, liema rcevuta giet immarkata bhala Dok. "FT 5" (*a fol.* 26).

In <u>kontro-ezami</u> jghid li l-imputat ma nstabx fuq il-post fejn gew infurmati bih fir-rapport li dahal, pero jghid li gie arrestat fit-triq waqt li kien gol-vettura. Jghid li x'hin l-imputat gie arrestat, l-imputat ma kienx qed jikkaccja. Jghid li l-informazzjoni li kellu kienet li kien hemm vettura, li rrizultat kienet tal-imputat, iddur f'dawk l-inhawi. Ezebixxa l-okkorrenza li giet immarkata bhala Dok. "FT 7" (*a fol.* 28 *et seq.*). Jghid li ma kienx prezenti meta saret it-tfittxija fir-residenza fejn kien hemm l-imputat.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' April 2014, xehed ukoll **Gilbert Haber** (*Environment Protection Officer – Wild Birds Regulations Unit – a fol.* 30 *et seq.*) fejn qal li fit-18 ta' April 2013 ghal xi 10.00am rcevew informazzjoni kunfidenzjali li dakinhar stess l-imputat kien spara fuq xi tajr protett u li kien qatel numru ta' gamiem li kien jeccedi l-kwota stabbilita waqt l-istagun tal-kacca li kien miftuh dakinhar. Jghid li persuna licenzjata kellha kwota ta' zewg ghasafar kuljum u erbgha tul l-istagun shih. Jghid li gie nfurmat l-iSpettur Frank Anthony Tabone fejn wara gew mitluba jezaminaw xi ghasafar li gew elevati mir-residenza fejn kien l-imputat. Ezebixxa lista ta' ghasafar li gew ezaminati, liema lista giet immarkata bhala Dok. "GH 1" (*a fol.* 35 *et seq.*). Jghid: *"Meta ezaminajna n-numru ta' ghasafar li kien hemm, fosthom numru ta' gamiem, irrizulta li dawn l-ghasafar kellhom hsara fir-rix taghhom li kienet konsistenti ma' dik il-hsara ikkagunata minn tir ta' senter kif ukoll mill-molts jigifieri r-rix taghhom kien indikattiv li kienu ghasafar in full plumage jigifieri kienu mbiddlin kompletament. Dan kien indikattiv li dawn l-ghasafar kienu gew maqtula fi stagun tar-rebbiegha, ma setghux ittiehdu fi stagun tal-harifa"* (*a fol.* 31). Jghid li l-imputat qalilhom li erba' minnhom kien qatilhom dik il-gurnata, cioé fit-18 ta' April 2013, fejn qalilhom li b'zewg tiri qatel erbgha. Jghid ukoll li l-imputat qalilhom li qatel il-hames ghasfur fis-17 ta' April 2013. Jghid li fil-*carnet de chasse* l-imputat kien iddikjara li dakinhar kien qatel erba' summiniet. Jghid li l-imputat qalilhom li ha zball ghax ried jindika li kien qatel erba' gamiem. Jghid li fil-ktieb ma kien hemm xejn dikjarat fuq il-

hames ghasfur. Jixhed ukoll li l-imputat gie mistoqsi dwar xi karkassi ta' ghasafar protetti li kienu nstabu ma' dawn l-ghasafar. Jghid li l-imputat kien qalilhom li l-kelb tieghu kien gabarhom u hu zammhom. Waqt id-depozizzjoni tieghu, Haber ta spjegazzjoni dwar dak li kkonstata dwar dan it-tajr. Jghid li meta l-imputat gie mistoqsi dwar ezemplari bbalzamati li kienu gew elevati mill-Pulizija, l-imputat qalilhom li dawn ma kienux gew dikjarati u qalilhom li kienu jappartjenu lil missier il-*partner* tieghu u qalilhom li kien jaf li ma kienux dikjarati u li xtaq izommhom xorta. Ezebixxa lista' tal-ghasafar li gew elevati, liema lista giet immarkata bhala Dok. "GH 2" (*a fol.* 37 *et seq.*). Ipprezenta wkoll lista mmarkata bhala Dok. "GH 3" (*a fol.* 39 *et seq.*) liema lista turi n-numri kollha tal-sms's li gew ricevuti kemm fuq gamiem u fuq summien bejn is-16 u t-18 ta' April 2013, fejn in-numru abbinat mal-imputat ma jidhirx. Jghid li t-tajr protett ibbalzamat li kien instab fir-residenza qatt ma kien gie dikjarat. Ezebixxa ritratti tal-karkassi u tal-ghasafar ibbalzmati li gew immarkati bhala Dok. "GH 4" (*a fol.* 46 *et seq.*) u kif ukoll kopja tal-licenzja specjali mmarkata bhala Dok. "GH 5" (*a fol.* 64 *et seq.*). Jghid li mil-licenzja moghtija lill-imputat, bin-numru 159, kien hemm imnizzel in-numru tal-imputat 99180020. Ezebixxa b'mod formali bhala Dok. "GH 2" l-ghasafar li gew elevati.

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2014 (*a fol.* 86 *et seq.*), jghid li minkejja li meta xehed in ezami qal li gie stabbilit li l-ghasafar gew maqtula fl-istagun tar-rebbiegha, ma jistax jigi stabbilit ta' liema sena. Fir-rigward tal-ghasafar ibbalzmati, jghid li saret ricerka fuq ir-residenza fejn instabu l-ghasafar fejn irrizulta li f'din ir-residenza qatt ma kien gie dikjarat xi tip ta' ghasafar protetti. Jghid li l-imputat qalilhom li missier il-*partner* tieghu kien mejjet.

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2014, xehed **Stanley Gatt** (*Manager* tal-i*Specialist Enforcement Branch – Wild Birds Regulations Unit – a fol.* 69 *et seq.*) fejn xehed fuq l-istess linji li xehed fuqhom Gilbert Haber. Jghid: "*Allura meta inti ghandek ghasfur mejjet fil-pussess tieghek illi jkollu fresh feathers jindika li dak inqatel bilfors fl-istagun ta' April. F'Settembru r-rix ikun iddegrada u ghasafar li jinqatlu f'Settembru t-truf tar-rix ikun kollu mikul. Dan kien kollu kemm huwa fresh*".

In kontro-ezami mistoqsi jghid x'inhu l-isem li saret ir-ricerka fuqu ta' missier il-*partner* ta' George Muscat, wiegeb li ricerka fuq persuna partikolari ma saritx pero saret ricerka fuq l-indirizz. Jghid li l-imputat qalilhom li missier il-mara tieghu kien miet u hu (l-imputat) ha l-kustodja tal-ghasafar madwar hames snin qabel. Jghid li l-imputat ma semmiex li dan il-persuna kien rikoverat l-isptar. Ikkonferma li rrizulta li l-ghasafar inqatlu fir-rebbiegha. Mistoqsi jghid kif jista' jikkonferma li dawn inqatlu fir-rebbiegha tas-sena 2013 u mhux fir-rebbiegha ta' qabel, jghid: *"Mela, ma nistax nikkonferma illi l-ghasafar inqatlu fir-rebbiegha ta' dik is-sena; li nista' nghid huwa li nqatlu bil-fors fir-rebbiegha. Pero' jiena ghamilt ricerka tieghi biex nara s-Sur George Muscat jekk kienx iddikjara xi qbid ta' gamiem u mir-ricerka tieghi irrizultali illi bejn it-two thousand and eight (2008) u t-two thousand and twelve (2012) l-unika ezemplari ta' gamiem illi qatt iddikjara li qabad kienu ezemplari wahda, fis-sbatax (17) ta' Settembru, u ezemplari ohra fid-disgha (9) ta' Settembru tat-two thousand and ten (2010), minkejja wkoll illi huwa fis-snin ta' qabel kien ukoll licenzjat sabiex jikkaccja fir-rebbiegha u kellu wkoll l-obbligu illi jekk jaqbad gamiem jew summien jirraporta by sms u tali rapport qatt ma kienu dahlulna jigifieri qatt ma rraporta dawk il-qbid"* (*a fol.* 73 u 74).

In kontro-ezami, li tkompla fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2014 (*a fol.* 86 *et seq.*), jikkonferma li mill-esperjenza tieghu huwa normali li l-gamiem itir f'qata'. Jikkonferma li huwa possibbli li meta wiehed jispara fuq qata' gamiem, tintlaqat aktar minn gamiema wahda. Jghid li huwa possibbli li jkollok persuna ghal kacca b'kelb u l-kelb isib karkassi ta' ghasafar ohra li ma jkunux inqatlu minn dak il-kaccatur li jkollu l-kelb. Jghid li l-massimu li wiehed jista' jaqbad kien erba' tul l-istagun kollu li jkun miftuh. Jghid li din tohrog minn kundizzjoni tlieta tal-licenzja specjali.

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-istqarrija (Dok. "E" – *a fol.* 14) rilaxxata mill-imputat lill-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Frank Anthony Tabone, liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat inghata d-dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat u huwa dan id-dritt, l-imputat cahad li huwa joqghod f'Block F, Entrance A, Flat 2, Tac-Cawla Estate, Rabat, Ghawdex. Jichad li ghandu access ghal dan il-fond. Ikkonferma li l-Pulizija sabuh f'dan l-appartament peress li kien ghand l-gharusa

tieghu. Mistoqsi jghid kemm ilu joqghod hemm, jghid li joqghod hemm ghal zmien tal-kacca. Ikkonferma li mill-post imsemmi gew elevati numru ta' affarijiet, u filwaqt li jghid li s-snieter, l-iskratacc u dawk li jikkarga bihom u li gew elevati huma tieghu, l-ghasafar ibbalzamati kienu ta' missier il-mara tieghu u zammithom. Jghid li l-gamiem u l-alwett spara ghalihom hu (l-imputat) u t-tajr l-iehor ma sparax ghalih hu pero waqt li kien ghall-kacca, il-kelb tieghu gabhomlu u hu zammhom. Jghid li spara fuq it-tajr bis-senter. Jghid li t-tajr ibbalzmat zammewhom bhala rekordju ta' missier il-mara peress li huma tieghu u daqt ser imut. Ghad-domanda x'jismu missier il-mara tieghu, ma wegibx. Ghad-domanda dwar x'kienet ir-raguni ghala ma nfurmax lil MEPA permezz ta' messagg x'hin spara fuq il-gamiem, wiegeb li mentri fuq il-ktieb nizzilhom, nesa jibghat il-messagg lil tal-MEPA. Ghad-domanda: *"Nghid li fuq il-ktieb nizzilthom hazin xi twiegeb?"*, wiegeb: *"Nghid li ghax hadt zball"*. Ghad-domanda jekk sparax fuq il-gamiem kollha dakinhar stess li ttiehdet l-istqarrija, wiegeb: *"Qtilt wahda l-bierah tlula u erbgha llum kienu qattgha ta' sebgha"*. Mistoqsi jghid jekk it-tajr protett giex fil-pussess tieghu dakinhar, wiegeb li kien ilu ghandu fil-friza minn Ottubru ta' qabel.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'numru ta' imputazzjonijiet li jirrigwardaw il-kacca. Il-Qorti tinnota li mill-atti processwali jirrizultaw is-segwenti:

- Kollox beda minn informazzjoni kunfidenzjali li kienet tghid li l-imputat kien spara fuq xi tajr protett u li kien qatel numru ta' gamiem li kien jeccedi l-kwota stabbilita waqt l-istagun tal-kacca. Il-persuna li ta din l-informazzjoni baqa' ma giex identifikat u konsegwentement ma giex mressaq bhala xhud.

- Minkejja li fil-fond fejn kien l-imputat u cioé Blokk F, Entrance A, Flat 2, Triq tac-Cawla, Rabat, Ghawdex saret tfittxija u gew elevati xi tajr, ma jirrizultax li effettivament f'dan il-fond kien joqghod l-imputat b'mod definit. Apparti l-fatt li l-indirizz tal-imputat fic-*charge sheet* jidher indikat bhala No. 1, 'Arkova', Triq il-Barriera, Balzan, Malta, u apparti l-fatt li l-imputat cahad li joqghod fl-indirizz fir-Rabat, Ghawdex ghajr ghal zmien il-

kacca, jinghad li f'din ir-residenza toqghod it-tfajla tal-imputat. Dan kollu mhux bizzejjed biex il-Qorti tkun sodisfatta li l-imputat kien joqghod fil-fond fir-Rabat, Ghawdex b'mod definit.

- L-imputat fl-ebda hin ma ntlemah jikkaccja. Huwa ma giex arrestat fil-hin li kien qed jikkaccja.

- L-ispezzjoni li saret fil-vettura li kien fiha l-imputat irrizultat fin-negattiv

- Ma jirrizultax meta nqatlu t-tajr li nstab fic-*chest freezer*. Filwaqt li PC 719 David Said (*a fol.* 75 *et seq.*) wiegeb li ma jiftakarx jekk it-tajr li nstab fil-*freezer* kienx fil-fatt jidher iebes sew u li ma kienx jidher li ghadu frisk, kemm PC 1549 Joseph Bajada (*a fol.* 78 *et seq.*) u PC 1513 Mario Grech (*a fol.* 91 *et seq.*) jghidu li ma qabdux il-kontenut tal-boroz li nhareg mill-*freezer*. *Da parte* tieghu, PC 1513 Mario Grech jghid li l-alwett kien jidher frizat sew.

- Kemm Gilbert Haber u Stanley Gatt jixhdu li tezisti indikazzjoni li l-ghasafar li huma ezaminaw gew maqtula fl-istagun tar-rebbiegha pero z-zewg xhieda msemmija qalu li ma setghux jistabbilixxu r-rebbiegha ta' liema sena.

- Stanley Gatt jikkonferma li mill-esperjenza tieghu huwa normali li l-gamiem itir f'qata' u jikkonferma wkoll li huwa possibbli li meta wiehed jispara fuq qata' gamiem, tintlaqat aktar minn gamiema wahda. Huwa jixhed li huwa possibbli li kelb li jkun ma' kaccatur isib karkassi ta' ghasafar ohra li ma jkunux inqatlu minn dak il-kaccatur stess.

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**:
Illi l-Qorti tinnota li ma giex sodisfacentement pruvat li l-imputat ghamel xi kacca illegali, kemm dakinhar tat-18 ta' April 2013 u kif ukoll fil-jiem u fix-xhur ta' qabel kif indikat fic-*charge sheet* migjuba fil-konfront tieghu. Il-Qorti ma jirrizultaliex li l-imputat qabez il-

kwota ta' ghasafar li setgha jaqbad kuljum, jew li naqas li jibghat SMS jew naqas li jiddikjara il-qtil ta' gamiem u summien. Minkejja li fl-istqarrija (Dok. "E" – *a fol.* 14 *tergo*) rilaxxata mill-imputat, l-imputat jghid li nesa jibghat messagg lil tal-MEPA, il-Qorti tinnota li dan mhuwiex bizzejjed biex jiggustifika xi nuqqas da parte tal-imputat fir-rigward tal-imputazzjoni imsemmija hawn fuq. Apparti li ma jirrizultax pruvat li l-fond fejn instab l-imputat u minn fejn gew elevati l-ghasafar huwa l-fond fejn kien jirrisjedi l-imputat b'mod definit, il-Qorti taghmel riferenza ghall-konsiderazzjonijiet generali t'hawn fuq, b'mod partikolari fejn saret riferenza ghad-depozizzjoni moghtija minn Stanley Gatt u Gilbert Haber, minn liema l-Qorti jirrizultalha dubju jekk effettivament l-imputat qatilx xi ghasafar (kemm u meta) u jekk kienx verament il-kelb tieghu li gablu dawn l-ghasafar li nstabu minnu mejta. Dan id-dubju jmur favur l-imputat. Tenut kont ta' dan kollu, l-imputat ser jigi liberat mill-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**<u>It-Tieni (2), it-Tielet (3) u r-Raba' (4) Imputazzjoni</u>**:
Illi, kif nghad aktar il-fuq, ma giex pruvat li r-residenza fejn instab it-tajr u fejn kien hemm l-imputat hija r-residenza tal-imputat. Ma giex sodisfacentement pruvat x'rabtiet partikolari kellu l-imputat ma' dik il-proprjeta'. Ma giex pruvat min aktar kellu access ghal din il-proprjeta' ghajr l-imputat. Tenut kont ta' dan kollu, l-imputat ser jigi liberat mill-imsemmija imputazzjonijiet.

**<u>Il-Hames (5) Imputazzjoni</u>:**
Illi, tenut kont ta' dak li nghad fir-rigward tal-imputazzjonijiet l-ohra addebitati fil-konfront tal-imputat, isegwi li anqas il-hames (5) imputazzjoni ma tirrizulta u b'hekk l-imputat ser jigi liberat mill-imsemmija imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat ma giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat m'huwiex ser jinstab hati taghhom.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat George Muscat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u b'hekk tilliberah minnhom.

Finalment, il-Qorti tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' dak elenkat u indikat f'Dok. "FT 5" (*a fol.* 26), f'Dok. "GH 1" (*a fol.* 35 *et seq.*), u f'Dok. "GH 2" (*a fol.* 37 *et seq.*) *stante* li z-zamma taghhom huwa wiehed illegali.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**